# San Pawl fl-Arti

**minn E.V. Borg**



*E.V. Borg; imwieled l-Imdina fl-1945. Fl-iskola elementari studja l-Arti taħt Mastru Karmenu Tonna (1910-73). Studja l-Liceo tal-Ħamrun taħt Mastri George Borg (1909-83) bejn l-1957 u l-1958 u Esprit Barthet (1919-99) bejn l-1960 u l-1962. Fil-Kulleġġ tal-Għalliema San Mikiel huwa studja l-Arti taħt Karmenu Mangion (1905-97) bejn l-1963 u l-1965). Huwa studja l-Ekonomija u l-Istorja tal-Ekonomija l-MCAST (1966-68) u l-Istorja fl-Università ta' Malta (1977-82).*

*Kiteb aktar minn elfejn artiklu kritiku dwar l-Arti u kien kuratur ta' mijiet ta' esebizzjonijiet f'Malta kif ukoll barra. Huwa magħruf bħala għalliem, kittieb, kritiku u kuratur.*

Kien bniedem formidabbli, b'rieda tal-azzar, kuraġġuż u kien lest li jħalli ħajtu biex iferrex it-tagħlim ta' Ġesù Kristu. Bniedem mistiku, ħassiebi reliġjuż profond, intelliġenti u ġenju bil-mod li b'kitbietu qiegħed is-sisien tat-teoloġija Kristjana.[1] Bħal kull bniedem tassew magħruf għemilu sar mitiku, kważi leġġendarju u nistgħu inxebbhuh ma' Platun, Alessandru l-Kbir jew Santu Wistin. Il-mit hija l-bażi ta' kull storja.

Dokumenti bikrija jiddiskrivuh bħala bniedem qsajjar, qargħi u matnazz.[2] Fin-nuqqas ta' xbiha kontemporanja din id-deskrizzjoni influwenzat l-istorja tar-ritratt (portrait) tal-qaddis tul l-istorja tal-arti. Fir-Rinaxximent fuq l-eżempju ta' artisti Medjevali nsibuh b'dawn il-karatteristiċi u ħafna drabi b'baffi suwed. Fis-seklu sbatax u iżjed tard insibuh b'baffi bojod, b'xagħar twil fir-rwol ta' patrijarka. L-ikonografija jew simboliżmu komuni użat biex il-qaddis jingħaraf mill-ewwel huma x-xabla tal-martirju u manuskritt jew parċmina bħala l-awtur tal-epistoli. Ħafna drabi nsibuh flimkien ma' San Pietru.

Il-ġenju tiegħu jinħass fil-kliem ta' għaref li kiteb f'paragrafu qasir dwar l-imħabba, *"L-imħabba hi siebra; l-imħabba hi twajba, ma tgħirx; l-imħabba ma tiftaħarx, ma titkabbarx; ma tagħmilx dak li ma jixraqx, ma tfittixx dak li jaqblilha, ma tiħux għaliha, ma żżommx f'qalbha għad-deni, ma tiftaħarx bid-dnewwa, imma tifraħ bis-sewwa. Kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tagħmel. L-imħabba ma tmut qatt."* [3]

Żgur li l-artisti li pittru l-immaġni ta' San Pawl kienu konxji tal-għerf u l-ġenju tiegħu u kkunsidraw il-mistiċiżmu tiegħu, il-karattru b'saħħtu u l-kuraġġ bestjali. Ftit mill-aqwa ritratti (portraits) li fadlilna ta' dan il-bniedem formidabbli huma ta' mastri famużi bħal Masaccio, El Greco, Raffaello, Durer, u Rembrandt.

*San Pawl* (1426, *Politiku ta' Pisa*, Pisa Museo di San Matteo) xogħol Masaccio huwa bniedem kontemplattiv, riflettiv, kważi jinħass idur fuq l-assi lejn il-lemin, massiċċ u matnazz kważi skolpit jew imnaqqax iżjed minn pittura. Masaccio kien influwenzat mill-iskultura ta' Nicola Pisano u Donatello u għalhekk il-plastiċità (it-tielet dimensjoni) toħroġ qawwija.[4] Iżjed magħruf huwa l-profil li Masaccio pitter (1426, Firenze, *Il Carmine*, Cappella Brancacci) ta' San Pawl iżur u jsabbar lil San Pietru fil-ħabs, parti miċ-ċiklu ta' affreski, il-*Ħlas tat-Tribut* (*The Tribute Money*). Huwa fi profil artikulat b'xagħar u baffi suwed jidher qiegħed jikkonsla lil San Pietru bi driegħ merfugħ u sebgħu artikulat jinħass



L-Appostlu Pawlu ta' El Greco - 1610-14, Toledo, Museo El Greco



L-Erba' Appostli ta' Drure - 1526, Munich, Alte Pinakothek

Il-Konverżjoni ta' San Pawl ta' Francesco Mazzola (il Parmigianino) – ċirka 1527, Vjenna, Kunsthistorishes Museum Gemaldegalerie

Il-Konverżjoni ta' Sawlu ta' Michelangelo Buonarroti - 1540-45, Il-Belt tal-Vatikan, Kappella Pawlina





sentit u ħaj.[5] Iż-żewġ xogħlijiet saru għall-istess patrijiet Karmelitani f'Pisa u Firenze.

F'żewġ xogħlijiet eċċezzjonali, El Greco jagħtina l-lat spiritwali, mistiku u psikiku ta' San Pawl. F'wieħed (1610-14, *Toledo*, Museo El Greco) jinħass mortifikat, b'għajnejh miksurin u jleqqu iżda penetranti, alluċinanti. Ipnotizzanti, isammrek b'għajnejh. Il-qaddis qiegħed juri ittra bil-Grieg kusiv, 'Lil Titu, ordnat l-ewwel isqof ta' Kreta'. Mingħajr dubju l-artist kien japprezza l-konnessjoni li l-qaddis kellu mal-gżira fejn twieled u trabba. Żgur li ma kienx ferħan bit-tgħajjir li kien fiha kontra in-nies ta' Kreta. L-ieħor (1605-08, Stockholm, National Museum) qiegħed b'ħarsa deċiża u b'dehra b'saħħitha jinsisti fuq punt skritturali f'diskussjoni taħraq ma' San Pietru.[6]

Raffaello (1514, *Estasi di Santa Cecilia*, Bologna, Pinacoteca Nazionale) jgħaddilna immaġni ta' bniedem buruż, ħassiebi u melankoniku, f'poża monumentali klassika għalkemm imdawwar 'il ġewwa. Impressjonanti din il-figura, imqabbla ma' oħrajn f'din is-*sacra conversazione* f'xogħol kważi uniku bl-oriġinalità u l-fantasija li bihom mirqum. Kompożizzjoni seminali mudell għall-Carracci partikularment għal Guido Reni (c.1595-98, *Incoronazione di Maria Vergine e Quattro Santi*, Bologna, Pinacoteca Nazionale).[7]

Durer ipittru b'ħarsa penetranti, kważi rozza, vjolenti flimkien ma' San Mark, li jħares bi stima lejh (1526, *L-Erba' Appostli*, Munich, Alte Pinakothek)[8] waqt li Rembrandt jinterpretah bħala filosofu mgħobbi bis-snin, l-għaref li sofra għax ma fehmuhx (1629, Nuremberg, Germanisches Nationalmuseum).[9]

Jekk l-artist forsi sab diffikultà jsawwar il-fiżjonomija tiegħu u kellu mingħajr ma jrid jirrikorri għall-fantasija u l-immaġinazzjoni, żgur li ma sabx l-istess diffikultà biex jesprimi xi wieħed mill-episodji interessanti u eċitanti ta' ħajtu. Għax ħajjet San Pawl hija rikka fin-narrattiva u l-istorja.

Wieħed mill-episodji l-iżjed popolari fil-ħajja tal-qaddis hija l-konverżjoni tiegħu fit-triq lejn Damasku. Tnejn mill-aqwa artisti Taljani pittru din ix-xena. Michelangelo Buonarroti b'estru ta' ispirazzjoni interpreta dan il-mument kruċjali f'xena apokalittika fil-Kappella Pawlina fil-Vatikan. Din ix-xena kaotika, tal-għaġeb, tnissel bħal biża' u għalhekk Stefano Bottari jsejħilha, 'splużjoni ta' ġganti'. Impittra bejn l-1540 u l-1545 kienet l-ispirazzjoni għal Mattia Preti fl-affreski li ħadem f'San Andrea della Valle, Ruma. U l-kliem li juża Roberto Longhi għal Mattia Preti, *'corposo e tonante, veristico e apocalittico'* (solidu u jriegħed, veristiku u apokalittiku)[11] jgħodd eżattament għal *Il-Konverżjoni ta' San Pawl* ta' Michelangelo. It-twerwir u l-ġenn f'din ix-xena jfakkarna f'*Il-Ġudizzju Universali* u d-dulluvju bl-Arka ta' Noè fil-Kappella Sistina, fil-Vatikan, Ruma.

Dan l-istil li jriegħed, drammatiku, traġiku u vjolenti joħroġ qawwi f'*Il-Konverżjoni* ta' Michelangelo Merisi da Caravaggio (1600, Ruma, Cappella Cerasi, Santa Maria del Popolo). Din hija xena indimentikabbli fejn id-dawl (il-grazzja ta' Alla) huwa l-protagonist u fejn iż-żiemel ġgant huwa iżjed importanti minn Pawlu. Mitfugħ minn tulu fl-art, b'għajnejh magħluqa, Pawlu jiftaħ dirgħajh beraħ qisu qiegħed jitlob lil Kristu jgħannqu miegħu biex jeħilsu mid-dalma u l-abbiss profond li jinsab fih. Il-vojt abbissali jinħass fiċ-ċentru tat-tila fejn f'logħba ta' perspettiva Caravaggio jħallat saqajn iż-żiemel ma' dirgħajn Pawlu f'illużjoni ottika u fond impenetrabbli. L-oriġinalità, l-element provokattiv, in-nuqqas ta' *decorum* jirrendi dan ix-xogħol kif jgħid Roberto Longhi, 'l-iżjed pittura revoluzzjonarja fl-istorja ta' l-arti sagra'.[12] Mhux ta' b'xejn Stefano Bottari qal, "Dawn iż-żewġ xogħlijiet f'Santa Maria del Popolo (*Il-Konverżjoni* u *Il-Martirju ta' San Pietru*) aktar milli dawk f'San Luigi dei Francesi (ċiklu *San Mattew*) juru lil Caravaggio fil-quċċata tal-poteri tiegħu."[13] Wieħed jifhem l-għala fil-kuntratt li bih Monsinjur Tiberio Cerasi jorbot lil Caravaggio għax-xogħol, jirreferi għalih bil-frażi *'egregius in urbe pictor'*. Waqt li katalogi riċenti dwar l-artist huma mitbugħa bit-titlu *Il-Ġenju ta' Ruma*.[14] Din pittura li verament turi l-bidla straordinarja f'Pawlu.

Biex wieħed jifhem sew l-iżvilupp ta' *Il-Konverżjoni ta' San Pawl* bħala kompożizzjoni u l-ikonografija relatata, importanti li nikkunsidraw tliet xogħlijiet li tpittru qabel dak rivoluzzjonarju ta' Caravaggio. Dawn jinkludu dik ta' Ludovico Caracci (Bologna, Pinacoteca Nazionale) tal-1587-89[15]; dik ta' Moretto da Brescia (Milan, Santa Maria presso San Celso) tal-1529-30[16] u dik ta' Parmigianino (Vjenna, Kunsthistorishes Museum Gemaldegalerie) b'datazzjoni dubjuża.[17] Sewwa fil-pittura ta' Moretto kif ukoll f'dik ta' Parmigianino, iż-żiemel sferrat jingħata importanza massima, esaġerata u jippreparawna għaż-żiemel ġgantesk fil-pittura ta' Caravaggio f'Santa Maria del Popolo.

Iżda l-klassiċiżmu li xi drabi nsibu fix-xogħol ta' Caravaggio forsi jispjega r-raġuni għala Vincenzo Giustiniani fl-ittra famuża tiegħu lil Teodoro Amadeni jqiegħed lil Caravaggio fl-istess keffa mal-Carracci u Guido Reni.[18] Iżda l-idea konvenzjonali bejn Caravaggio bħala rivoluzzjonarju u l-Carracci u s-segwaci tagħhom bħala tradizzjonalisti[19] tmur kontra l-fehma ta' Giustiniani.[20] Dan l-iskontru juri d-diffikultà fl-evalwazzjoni artistika. Iżda għalkemm il-Carracci u Caravaggio kienu jirrappreżentaw il-klassiċiżmu u r-romantiċiżmu rispettivament ma jfissirx li ma kienx hemm influwenzi reċiproċi u legami bejniethom. F'dan is-sens wieħed japprezza l-influwenza ta' Caravaggio fuq Guido Reni u viċe versa.

Il-pittura ta' *San Pietru u San Pawl* (Nadur, Għawdex) tista' titqies rappreżentattiva ta' din l-influwenza reċiproka. Xogħol monumentali bil-figuri ta' Pietru u Pawlu qishom statwi Barokki b'panneġġi voluminużi, mixgħula b'dawl drammatiku u mtajra bir-riħ. L-influwenza ta' Caravaggio[21] hija espliċita għalkemm mhux diffiċli li tista' tkun ix-xogħol mill-bottega tal-

Carracci. Il-lewn aħmar fl-intensità tiegħu jirreferi sew għat-tavolozza ta' Caravaggio kif ukoll għal dik ta' Guido Reni. Il-mod rilassat li bih San Pietru u San Pawl jikkomunikaw intimament qajla jindika l-avveniment traġiku: il-martirju li għandhom jistenniehom. Din il-lehma teatrali tnaqqas mis-sens Caravaġġist. Iżda r-realiżmu ta' Caravaggio jiddomina x-xogħol u wieħed jittanta jaħseb f'segwaċi tiegħu. Xogħol drammatiku, dinamiku u ta' forza tremenda. Il-preġju qiegħed fis-sens klassiku.[22]

F'*In-Nawfraġju ta' San Pawl* (c.1675, Mdina, Katidral) Mattia Preti jevoka fl-abside forza katakliżmika fl-elementi tan-natura. Huwa jipprovoka tant vjolenza li jinħass ir-riefnu u l-buffuri ta' Grigalata u mewġ li jrid jibla' l-art. In-narrattiva epika u s-sens drammatiku u traġiku huma tant sentiti li l-ispettatur jipparteċipa f'dan l-ispettaklu tal-biża'.[23]

Din il-forza, qilla u vjolenza f'*In-Nawfraġju* jinbidlu f'delikatezza skwiżita f'*L-Apoteosi ta' San Pawl* (1755-56) fl-Awla Kapitulari fil-Katidral l-Imdina, xogħol il-magħruf Francesco Zahra (1710-73).[24] Is-sors ewlieni ta' dan il-kapolavur hija d-dekorazzjoni tas-sepulkru (1752)[25] maħdum għall-Katidral tal-Imdina minn Zahra tliet snin qabel fuq disinji ta' Pietro Paolo Troisi (Borg, Malcolm Dr, 1993).[26] Dak li Zahra kiseb fis-sepulkru bl-għajnuna ta' figuri mpittra mdendla mill-kurvatura tal-koppla b'vireg tal-ħadid, f'*L-Apoteosi* huwa kisbu bil-bravura ta' illużjoni ottika fuq superfiċi ċatta. Il-ħlewwa jew dolċezza tremenda u s-sens rari viżjoni tal-ġenna jqiegħed dan ix-xogħol Rokoko fl-livelli li kiseb il-kontemporanju tiegħu Gianbattista Tiepolo (1696-1770)[27] It-tliet anġli f'*L-Apoteosi* ta' Zahra x'aktarx jirreferu għall-ikonografija li komunement tintuża f'San Pawl u l-viżjoni tal-ġenna, suġġett li kien jappella għall-Kontra Riforma.[28]

Fl-1960 kummissjoni eżekuttiva ħadet ħsieb torganizza l-Mostra Centenaria Paolina – L'Arte Sacra a Malta fl-Istitut Kattoliku, il-Furjana.[29] Il-katalogu ta' din il-wirja huwa dokument storiku importanti li jiġbor fih tagħrif professjonali u xjentifiku dwar għadd kbir ta' teżori ta' l-arti antika u moderna f'Malta. Huwa riferenza indispensabbli. Dan il-katalogu jiftaħ b'*Il-Polittiku ta' San Pawl*, pittura antika fuq l-injam fil-Mużew tal-Katidral, l-Imdina. Dan hu teżor inestimabbli li l-awtur evalwa wara studju fit-tul.[30]

Barra dan il-katalogu bħala dokument dwar xogħlijiet bl-immaġni ta' San Pawl diffiċli tħalli bara żewġ siti, il-Mużew tal-Katidral l-Imdina u l-Mużew tal-Kolleġġjata ta' San Pawl, ir-Rabat li jindukraw diversi teżori bl-immaġni sagra ta' San Pawl Appostlu li jinkludu fost oħrajn dik ovali fil-Kappella tas-Seminarju l-Imdina u *San Ġwann Battista u San Pawl* fil-Mużew tal-Kolleġġjata r-Rabat impittra minn Antoine Favray (1706-1798).[31]

L-importanza ta' dan il-qaddis għall-Maltin tinħass fil-knejjes sbieħ iddedikati lilu. Il-knisja kolleġġjata San Pawl Nawfraġu fil-Belt Valletta hi maqdes mimli teżori, testimonjanza storika lil dan il-qaddis bl-istatwa ta' San Pawl minquxa fl-injam tal-magħruf Melchiorre Gafà (1636-67) li tisboq kull aspettattiva. Il-knisja kolleġġjata tar-Rabat, Malta[32] hija ħolqa vitali fil-ħajja tal-qaddis u speċifikament il-Grotta ta' San Pawl maqtugħa fil-blat post ta' kult, talb u ġabra. Il-Katidral tal-Imdina, il-knisja matriċi tal-gżejjer tagħna u l-knisja monumentali tan-Nadur Għawdex huma iddedikati lil San Pietru u San Pawl waqt li l-knisja f'Ħal Safi hija kkonsagrata u ddedikata lill-Konverżjoni ta' San Pawl. Numru ta' knejjes żgħar u kappelli huma ddedikati lil dan il-qaddis, fosthom dik ta' San Pawl Nawfragu, fil-Menqa, San Pawl il-Baħar xhieda tal-imħabba li l-Maltin dejjem urew lil San Pawl li bi tradizzjoni qawwija huwa marbut mal-istorja ta' dawn il-gżejjer tant li jsejjħulu 'Missier'.

E. V. Borg verżjoni 05.07.2007

**Riferenzi:**


1. Crystal, David (ed.) (2000) 'The Cambridge Biographical Encyclopedia', p.726, ISBN 0-521-63099-1
2. James Hall – Dictionary of Subjects and Symbols on Art (1989), John Murray, p.235, ISBN 0-7195-4147-6
3. Bibbja Saydon – It-Testment il-Ġdid (1979), I Kor 12-13, p.466
4. Vagheggi, Paolo (1988) 'Masaccio – Oltre il Medioevo' p.18 In 'Il Romanzo della Pittura – Masaccio e Piero' ta' Giorgio dell'Arti (ed.), La Repubblica, no. 239; 02.11.1988 & Morolli, Gabriele (2001) 'Polittico di Pisa' pp.161-181, In 'Masaccio – Il Trittico di San Giovenale e il Primo '400 Fiorentino' di Caterina Caneva (ed.) Federico Motta Editore, ISBN 88-7179-330-7
5. Casazza, Ornella (1990) 'Masaccio and the Brancacci Chapel', pp.44-45 & p.60, Siena, Scala.
6. Davies, David (ed.) (2004) 'El Greco' pp.192-197, National Gallery, London, ISBN 1-85709-938-9
7. La Pincoteca Nazionale di Bologna (1987) p.129, Nuova Alfa Editoriale, Bologna, ISBN 88-7779-014-8
8. Steingraber, Erich (1985) ' The Alte Pinakothek, Munich', p.115, C.H.Beck/Scala Books, ISBN 0-85667-220-3 (UK)
9. Brown, Christopher, Kelch, Jan & van Thiel, Pieter (1992) 'Rembrandt: The Master and His Workshop' p.136, National Gallery, London, ISBN 0-300-05150-6
10. Bellosi, Luciano (1970) 'Michelangelo Pittore', p.26, pl.78, Sadea/Sansoni Editori, Firenze
11. Bottari, Stefano (1967) 'Tesori d'Arte Cristiana – San Andrea della Valle, Roma' p.148/149;157, Bologna (testo di Cecilia Pericoli Ridolfini)
12. Lambert, Gilles (2000) 'Caravaggio', p.66, Tashen, Germany ISBN 3-8228-6305-X
13. Bottari, Stefano (1971) 'Caravaggio', p.9, Thames and Hudson, London, ISBN 500-41037-2
14. Sawbridge, Peter (2001) 'The Genuis of Rome, 1592-1623', Royal Academy of Arts, London, ISBN 0-900-94694-6
15. La Pincoteca Nazionale di Bologna (1987) p.124-125, Nuova Alfa Editoriale, Bologna, ISBN 88-7779-014-8. Nota: Din il-'Konverżjoni' ta' Ludovico Caracci (1555-1619) li hija diġà essenzjalment Barokka x'aktarx influwenzat lil Caravaggio, prinċipalment l-ewwel verżjoni tal-'Konverżjoni' għal Santa Maria del Popolo, Ruma.
16. Puglisi, Catherine (1998) 'Caravaggio', p.166; pl.85, Phaidon, ISBN 0714834165. Nota: Iż-żiemel fil-'Konverżjoni' ta' Moretto da Brescia (Alessandro Bonvicino c.1492/5-1554) huwa sfrenat u drammatiku kif insibuh f'Parmigianino.
17. Cimonelli, Dario (2003) 'Parmigianino e il manierismo europeo', p.214; pl.2.2.19, Silvana Editoriale, ISBN 88-8215-481-5. Nota: Il-'Konverżjoni' ta' Parmigianino (Francesco Mazzola, 1503-40)

joqrob fil-panneġġi kalligrafiċi lejn il-'Madonna della Rosa' u fil-pajesaġġ il-'Madonna di San Zaccaria' waqt li t-teknika pittorika tqiegħed l-opra eqreb lejn il-'pala d'altare' ta' Maria Bufalini tal-perjodu Ruman. Għalhekk id-datazzjoni hija dubjuża u tvarja mill-perjodu ta' Bologna:1527-30 għal dak Ruman:1524-27.

18. Bottari, Stefano (1971) 'Caravaggio', p.8, ibid

19. Bussagli, Marco (1999) 'The Rome of the Saints; the Baroque', p.558 In 'Rome Art and Architecture', Konemann, ISBN 3-8290-2259-X

20. Squarzina, Silvia Danesi (2001) 'Caravaggio e I Giustiniani – Toccar con mano una collezione del Seicento', Electa, Milano, ISBN 88-435-7755-7. Nota: Ara 'La famiglia Giustiniani A.', p.204 dwar Vincenzo Giustiniani.

21. Gregori,Mina (1992) 'Michelangelo Merisi da Caravaggio – Come nascono i capolavori', Electa, Milano, ISBN 88-435-3775-X. Nota: Mina Gregori tanalizza l-ewwel verżjoni tal-'Konversjoni' f'Santa Maria del Popolo, Ruma.

22. Borg, E.V. (2004) 'Bank of Valletta Calendar', month of June 2004 & Introduction.

23. Borg, E.V. (2005) 'Bank of Valletta Calendar', month of January & Introduction.

24. Borg, E.V. (2005) 'Bank of Valletta Calendar', front cover & Introduction.

25. Borg, E.V./ Borg, Malcolm (Dr.) (1993) 'Is-Sepulkru ta' l-Imdina – Spettaklu u Briju fuq is-Sensi, In-Nazzjon Tagħna, 08.04.1993.

26. Borg, Malcolm (Dr.) (1993) 'It-Troisi, Argentiera u Disinjaturi', In-Nazzjon Tagħna, 08.04.1993. Nota: Dr. Malcolm Borg jirreferi għal ittra li Pietro Paolo Troisi bagħat lill-granmastru, dokument ferm importanti li l-awtur svela għall-ewwel darba minn sorsi primarji.

27. Borg, E.V. (1986) 'Francesco Zahra, 1710-73', Il-Ħajja, 08.05.1986; 22.05.1986.

28. James Hall –Dictionary of Subjects and Symbols in Art (1989), p.237, ibid; Bibbja Saydon – It-Testment Il-Ġdid (1979), II Kor. 12:1-3 '...niġi għall-viżjonijiet u rivelazzjonijiet tal-Mulej. Naf wieħed Nisrani li...kien maħtuf sat-tielet sema...u sema' kliem li ma jistax jingħad, li ma jiswiex għall-bniedem li jtenni'. It-tliet anġli huma s-simbolu għat-tielet sema.

29. Mostra Centinaria Paolina, L'arte Sacra A Malta, Istituto Cattolico, Malta, 1960. Nota: L-edituri ta' dan il-katalogu kienu Chev. Vincenzo Bonello (1891-1969) u Dr. John A. Cauchi (1913-92).

30. Borg, E.V. (1987) 'The St. Paul Polyptych at the Cathedral Museum Mdina, The Friends of the Cathedral Museum, Malta. Nota: Dan l-istudju ta' riċerka, evalwazzjoni u kritika kien ippublikat l-ewwel darba fl-1972. 'Priceless Polyptych at the Cathedral Museum', Sunday Times, 16.01.72; 'Austerity Blended with Humanity', Sunday Timeċs, 23.01.72. Kien publikat wkoll fil-magazine: 'Civilization (1985), A Maltese periodical Encyclopedia, nos. 17, 18 & 19. U bħala studju aġġornat: 'The Polyptych – A National Treasure', Malta This Month, Air Malta in-Flight Magazine, no. 73, April 1996.

31. Azzopardi, John (Can.) (1987) 'The Museum of St. Paul's Collegiate Church', Wignacourt College, Rabat, Malta, p.7

32. 'Tifkira tal-Festi li Saru fil-Kolleġġjata tar-Rabat' (1974) f'għeluq il-50 Sena mit-tiġrif tal-Koppla, Palbo Press, Rabat. Nota: Il-ktejjeb jinkludi katalogu tal-'wirja fuq l-Istorja tal-Parocca' xogħol il-kuratur Dun Gwann Azzopardi, Lic.D.







fgp The Garage Door People

Serving You Since 1962

FGP Ltd. is Malta's longest established garage door manufacturer. We supply a full range of residential, commercial & industrial garage doors and gates, barriers, bollards, remote control automations as well as miscellaneous sheet metal works.

INSULATED OVERHEAD SECTIONAL DOORS

· Silent · Weather Sealed · Various Designs & Finished
· Residential & Industrial Doors · Competitive Prices
· Remote Control available





109, Valletta Road, Luqa LQA 1762 | T: 2166 7107/8, 2167 3627 | E: sales@fgp.com.mt | W: www.fgp.com.mt